# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 2170/2025/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Mario Hammett**

Illum 29 ta' Mejju 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Mario Hammett**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 733959(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fix-xahar ta' Diċembru 2024 ġewwa fond bl-isem Hammett's Gastro Bar, 33-34, Xatt ta' Tigne Street, Sliema:

1. bħala persuna li f'ismu għandu l-liċenzja, ippermetta jew ħalla li f'dan il-ħanut (kemm bi nhar jew bil-lejl) isir kant jew ħsejjes li setgħu jdejqu jew b'xi mod ieħor jiddisturbaw lill-ġirien, u/jew naqas li jibgħat il-barra mill-ħanut lil kull min

kien xurban jew li bi kliem, ġesti jew xort'oħra wera li ried iqajjem storbju;

2. ħaddem jew ġiegħel jew ippermetta li jitħaddem *loud speaker* jew gramafon jew amplifikatur jew apparat ieħor simili, jew ġiegħel jew ippermetta li jsiru ħsejjes daqshekk qawwija li dejqu lill-ġirien li joqgħodu f'bini fil-qrib.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-9 ta' April 2025, fejn il-Qorti, wara li rat Regolament 23 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 10.09 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 41(2)(a)(b) tal-Kapitolu 10 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, qieset li t-tieni (2) imputazzjoni bħala assorbita fl-ewwel (1) imputazzjoni, u kkundannatu għal piena ta' ammenda ta' ħamsin Euro (€50). Il-Qorti ordnat komunika tas-sentenza lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jieħu kwalunkwe azzjoni li tispetta lilu fir-rigward tal-allegat nuqqas da parti tal-Uffiċjali tal-Pulizija li magħhom saru r-rapporti mill-*parte civile* fiż-żminijiet u ħinijiet minnu ndikati.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-23 ta' April 2025 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tħassar u tirrevoka dik is-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi nhar id-9 ta' April 2025 per Maġistrat Kevan Azzopardi fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u tilliberah minn kull ħtija."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fit-12 ta' Mejju 2025.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fid-9 ta' April 2025.

Illi l-fatti ta' dan il-każ jirrigwardaw storbju li kien ġej mill-istabbiliment Hammett's Gastro Bar li jinsab f'Xatt ta' Tigne, Sliema permezz ta' mużika eċċessivament għolja. Jidher li fl-14 ta' Jannar 2025 l-Awtorita' tat-Turiżmu nfurmaw l-Għassa tal-Pulizija ta' tas-Sliema li l-*parte civile* Julian Magri Overend kien għamel rapport fejn ilmenta dwar storbju ta' mużika eċċessiva.

Illi qabel tipproċedi ulterjorment, din il-Qorti tinnota li jkun opportun li tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Jannar 2024 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Brandon Said** (Numru 17/2023/1) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tibdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dak imressaq mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-uniku aggravju mressaq minnu l-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-liġi u tal-fatti. Jargumenta

li l-Prosekuzzjoni riedet tipprova li hu kellu f'ismu l-liċenzja relattiva sabiex jiġġestixxi l-fond Hammett's Gastro f'Xatt ta' Tigne, Sliema. Jisħaq li l-unika prova li tressqet kien l-affidavit datat 19 ta' Frar 2025 ta' ċertu Malcolm Zerafa fejn flimkien mal-affidavit ġie ppreżentat dokumentazzjoni tad-Dipartiment tat-Turiżmu. Jispjega li din il-prova hija għal kollox inammissibbli minħabba li fl-affidavit ma hemmx indikat il-post fejn ittieħed li jisħaq huwa rekwiżit *sine qua non* fit-termini ta' Artikolu 7 tal-Kapitolu 79 tal-Liġijiet ta' Malta. Itenni li ġialadarba din il-prova mhijiex ammissibbli, huwa kellu jiġi liberat minn dak li ġie akkużat bih quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi għal dan l-aggravju l-Avukat Ġenerali jwieġeb fir-Risposta tiegħu (*a fol.* 49) billi jargumenta li minbarra l-affidavit in kwistjoni hemm id-depożizzjoni tal-*parte civile* Julian Magri Overend li turi li kieku l-appellant ma kienx is-sid u ma kellux liċenzja, huwa ma kienx jiltaqa' miegħu (mal-*parte civile*) sabiex jirranġa miegħu. Waqt is-sottomissjonijiet finali, l-avukat mill-uffiċju tal-Avukat Ġenerali argumenta li fir-rigward tal-affidavit, l-indirizz tal-persuna li qdiet il-funzjoni ta' Kummissarju huwa magħruf. Għal dan, il-konsulent legali tal-appellant jgħid li b'indirizz il-liġi trid li jkun il-post fejn ittieħed il-ġurament.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jitlob li din il-Qorti tqis li l-affidavit ta' Malcolm Zerafa (in rappreżentanza tad-Dipartiment tal-Liċenzji fl-Awtorita' tat-Turiżmu) jitqies inammissibbli bil-konsegwenza li allura ma jkunx hemm prova dwar f'isem min hija l-liċenzja tal-bar fejn kienet qed tindaqq il-mużika għolja.

Illi riferenza għandha ssir għal Artikolu 7 tal-Kapitolu 79 tal-Liġijiet ta' Malta li jistabbilixxi s-segwenti:

> "Kull Kummissjunarju li quddiemu jiġi meħud ġurament jew magħmul *affidavit* bis-saħħa ta' din l-Ordinanza għandu jiddikjara sewwa fil-*jurat* jew fl-attestat il-lok u d-data li fihom il-ġurament ikun ġie meħud jew l-*affidavit* ikun sar:

> Iżda kull Kummissjunarju li quddiemu jiġi meħud ġurament skont is-subartikolu (3) tal-artikolu 5 għandu jiddikjara sewwa fil-*jurat* jew fl-attestat il-lok u d-data li fihom il-ġurament ikun ġie meħud u li l-ġurament ġie meħud bil-mezzi elettroniċi."

Illi jkun opportun li ssir riferenza għal sentenza riċenti mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fil-15 ta' Mejju 2025 fl-ismijiet **Il-Pulizja vs. David Daniel Mclean** (Numru 1443/2025) fejn ingħad hekk:

> "Illi f'dan l-appell l-ewwel ilment li jrid jiġi indirizzat hux jekk l-affidavit rilaxxjat minn PC 281 Damian S Mckay inserit fl-atti *a fol.* 2 Dok. "A" hux wieħed rilaxxat skont il-liġi u ċioè skont l-Artikolu 7 tal-Kap. 79 tal-Liġijiet ta' Malta stante li l-lok indikat fl-affidavit fejn allegatament ittieħed l-affidavit huwa imniżżel bħala 'Rapid Intervention Unit.
>
> L-ewwel Qorti skartat l-affidavit ta' dan ix-xhud u dan għaliex sotniet li meta – kummissarju responsabbi sabiex ta l-ġurament kiteb *"Rapid Intervention Unit" "fejn il-kelma "lok" b'daqshekk il-Kummissarju tal-Ġustizzja li issoministra l-ġurament ma ġiex li indika sewwa l-lok fejn ingħata l-ġurament. Dan għax kif ġia sottolineat r-Rapid Intervention Unit hija sezzjoni fi ħdan il-korp tal-Pulizija u mhux lok per se."*
>
> Din hi l-ewwel materja li jrid jiġi deċiż.
>
> Tajjeb jingħad li l-Artikolu 360A tal-Kap. 9 jagħti l-possibilita' lill-Prosekuzzjoni li hija tippreżenta affidavits ta' uffiċjali tal-Pulizija minflok ma' dawn joqogħdu jitilgħu jixhdu di persona waqt proċeduri sommarji quddiem din il-Qorti. Il-ġurament lill-uffiċjal tal-Pulizija normalment jingħata minn uffiċjal tal-Pulizija li jkun wkoll Kummissarju b'setgħa li jagħti ġuramenti nominat

fit-termini tal-Kap. 79 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ordinanza dwar il-Kummissjonarji b'Setgħa li jagħtu Ġurament.

L-Artikolu 7 tal-Kap. 79 tal-Liġijiet ta' Malta jispeċifika li:

> *"Kull Kummissjunarju li quddiemu jiġi meħud ġurament jew magħmul affidavit bis-saħħa ta' din l-Ordinanza għandu jiddikjara **sewwa** fil-jurat jew fl-attestat il-lok u **d-data** li fihom il-ġurament ikun ġie meħud jew l-affidavit ikun sar:…"* [emfażi tal-Qorti]

Minn qari akkurat ta' din id-disposizzjoni tal-liġi jidher ċar li l-liġi tirrikjedi li jiġi speċifikat il-lok ta' fejn jkun ingħata l-ġurament. Infatti l-leġislatur uża l-kliem *'għandu jiddikjara'* u jikkwalifika ukoll bil-kelma *'sewwa'*. Il-leġislatur ma wzax il-kelma 'tista' f'liema każ, kien ikun biss fakoltativ li jiġi ndikat il-lok fejn ingħata l-ġurament.

Għalhekk anke kif imfisser fis-sentenza fl-ismijiet ċitata waqt dawn il-proċeduri fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Rachel Aquilina) vs. Jan Christoffer Oskarsson**[1] l-Kummissjunarju tal-Pulizija b'setgħa li jagħti ġurament, huwa obbligat bil-liġi li jindika l-lok fejn huwa issominsitra l-ġurament lix-xhud.

Dik is-sentenza tipprovdi is-segwenti:-

> *Minn qari ta' dan l-artikolu tal-liġi huwa ċar li l-liġi tassattivament tirrikjedi li jiġi speċifikat il-lok ta' fejn jkun ingħata l-ġurament. Infatti l-leġislatur juża l-kelma "għandu jiddikjara" u jikkwalifikaha wkoll bil-kelma "sewwa". Il-leġislatur ma jużax il-kelma "jista'", f'liema każ kien ikun biss fakultattiv li jiġi ndikat il-lok fejn ingħata l-ġurament. Fil-*

[1] "Deċiża 19 Lulju 2024 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali."

> *veržjoni Ingliża il-kliem li jintuża huwa: "shall state truly", li wkoll jindika obbligu tassattiv.* ***Dan ifisser li l-Kummissarju b'setgħa li jagħti ġuramenti huwa obbligat bil-liġi li jindika l-lok fejn huwa issoministra l-ġurament lix-xhud.***[2]
>
> ….
>
> *Fi proċeduri penali fejn huwa fundamentali li l-proċedura tiġi segwita ad unguem biex ma jiġux preġudikati d-drittijiet tal-akkużat, ma jistax jkun li l-Qorti tagħlaq għajnejha għal tali nuqqas. …..*
>
> *Fi proċeduri penali, il-Qorti ma tistax tassumi l-affarijiet hi; l-affarijiet jridu joħorġu ċar mill-atti.*

Din il-Qorti tagħmel referenza ukoll għas-sentenza mogħtija minnha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Pauline Agius Cassar**[3] fejn ġie enfasizzat il-ħtieġa mandatarja li tesiġi l-liġi sabiex il-lok fejn jittieħed l-affidavit jiġi ndikat u dan sabiex tali affidavit ikun wieħed meħud skont il-liġi.

Illi f'dan il-każ jiġi nnutat l-isem u l-kariga tal-uffiċjal tal-pulizija u l-firma tiegħu. Madankollu, l-lok fejn ittieħed il-ġurament ma ġiex speċifikat. Għaliex hemm indikat biss 'Rapid Intervention Unit'.

Dan hu każ simili għal dak li ġie rilevat fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Toussaint Azzopardi** fejn f'dak il-każ il-Prosekuzzjoni kienet indikat fuq l-affidavit li dak kien ittieħed fil-Environmental Protection Unit. F'dik is-sentenza l-Qorti kienet ikkonkludiet li: -

[2] "Sottolinear ta' dik il-Qorti."
[3] "Deċiża minn din il-Qorti nhar 21 ta' Novembru, 2024."

> **M'hemmx dubbju li dak li ried il-leġislatur huwa li meta jittieħed ġurament fuq affidavit il-Qorti u l-partijiet għandhom jitpoġġew f'posizzjoni li jkunu jafu fejn u meta ittieħed il-ġurament, dettalji dawn li jkunu jafu awtomatikament meta xhud jixhed *viva voce* quddiem il-Qorti. F'dan il-każ jirriżulta li l-ġurament fuq l-affidavit ittieħed ġewwa l-Environmental Protection Unit, li bħala dipartiment tal-Pulizija ta' Malta, huwa uffiċju statali u pubbliku. Għalhekk fil-fehma tal-Qorti l-indikazzjoni mogħtija hija suffiċjenti biex il-Qorti u l-partijiet jifhmu u ma jkollhomx dubbju raġonevoli dwar fejn ittieħed il-ġurament, bl-istess mod li kieku l-ġurament ittieħed fil-binja tal-Qorti ma kienx ikun hemm bżonn li titniżżel isem it-triq u l-lokalita' biex wieħed jifhem fejn ittieħed il-ġurament. Għaldaqstant il-Qorti tqis li dan l-argument m'għandux mis-sewwa u qiegħed jiġu miċħuda.**[4]

F'dan il-każ simili għal każ appena iċċitat l-kummissarju indikat bħala lok "Rapid Intervention Unit" li ukoll **li bħala dipartiment tal-Pulizija ta' Malta, huwa uffiċju statali u pubbliku**.

Jingħad pero' u dan qed jiġi sollevat mill-Qorti *ex ufficio* li f'dan l-istess affidavit hemm element ieħor li huwa nieqes u ċioè li ma hemmx data fih. Tant li fejn hemm il-kelma 'data' hemm il-vojt. Ir-rekwiżit ta' data fuq affidavit ukoll huwa element mandatorju li jrid jiġi rispettat. Jiġi rilevat għalhekk li kuntrarjament għal dak li tesiġi il-liġi fl-Artikolu 7 tal-Kap. 79 tal-Liġijiet ta' Malta fuq dan l-affidavit esebit *a fol.* 2 immarkat bħala Dok. "A" ma hemmx data kif rikjest. La darba wieħed

[4] "Deċiż fil-21 ta' Novembru, 2024 Appell Nru. 1513/2024."

mill-elementi tassattivi li jrid ikun fih affidavit huwa nieqes, din il-Qorti ma tistax tqis li l-affidavit ta' PC 281 D S Mackay bħala prova ammissibbli u għalhekk qiegħda tordna l-isfilz tiegħu.

Illi fin-nuqqas ta' provi oħra li jorbtu lill-appellant mar-reati in kwistjoni din il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li tillibera lill-appellant minn kull akkuża kif *del resto* għamlet l-Ewwel Qorti pero' għal raġunijiet differenti u tiċħad l-appell tal-Avukat Ġenerali."

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq appena ċitat u dana peress li taqbel miegħu fir-rigward ta' dak li jirrikjedi Artikolu 7 tal-Kapitolu 79 tal-Liġijiet ta' Malta rigwardanti l-lok u d-data li fihom il-ġurament ikun ġie meħud jew l-affidavit ikun sar. Minn riferenza lejn l-affidavit ta' Malcolm Zerafa in rappreżentanza tad-Dipartiment tal-Liċenzji fl-Awtorita' tat-Turiżmu ta' Malta (*a fol.* 17) jirriżulta li minkejja li hemm indikata d-data ossia dik tad-19 ta' Frar 2025, pero' fl-istess waqt ma hemm l-ebda post indikat ossia l-lok fejn ittieħed il-ġurament jew fejn sar l-affidavit. Dak li hemm fuq l-affidavit in kwistjoni huwa biss li Malcolm Zerafa kien qed jgħid dak li ngħad minnu bħala rappreżentant fid-Dipartiment tal-Liċenzji fl-Awtorita' tat-Turiżmu ta' Malta.

Illi fl-affidavit in kwistjoni ma hemmx imsemmi fejn ittieħed il-ġurament jew fejn sar l-affidavit. Minkejja li huwa minnu li l-indirizz tal-persuna tal-Awtorita' tat-Turiżmu ta' Malta huwa magħruf, pero' fl-istess waqt fl-affidavit in kwistjoni ma hemmx imniżżel li l-ġurament ittieħed jew li l-affidavit sar hemm għax kieku s-sitwazzjoni setgħet tkun differenti pero' peress li ma hemm l-ebda lok imniżżel, ifisser li l-affidavit in kwistjoni (inkluż id-dokumenti annessi miegħu) għandu jiġi meqjus inammissibbli bil-konsegwenza li għandu jiġi sfilzat.

Illi minkejja li l-Avukat Ġenerali jisħaq li fl-atti proċesswali hemm provi oħra li jindikaw il-prova in kwistjoni, din il-Qorti tinnota li ma tagħmilx differenza jekk l-appellant iltaqax mal-*parte civile* sabiex possibiliment jirranġa miegħu. B'żieda ma' dan, din il-

Qorti tgħid li minkejja li fl-affidavit ta' PS 1033 S. Mangion (*a fol.* 4) huwa jgħid li: "*fuq struzzjonijiet ta' l-ispettur I. Azzopardi bgħatt għal-licensee tal-post ċertu Hammett, Mario*", dan ma huwiex biżżejjed sabiex jipprova li l-appellant allura imputat huwa effettivament il-*licensee* tal-post in kwistjoni.

Illi ġialadarba l-affidavit ta' Malcolm Zerafa jiġi sfilzat, mill-atti proċesswali ma jirriżulta xejn aktar li jorbot lill-appellant allura imputat mal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu. B'hekk isegwi li l-aggravju tal-appellant qed ikun milqugħ bil-konsegwenza li hu ser jiġi liberat mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell imressaq mill-appellant Mario Hammett, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tiddikjara lill-appellant mhux ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u b'hekk tilliberah minn kull ħtija u piena fir-rigward tagħhom.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**